MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 65/2011

**Gregory Robert Eyre**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Gregory Robert Eyre, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Huwa tressaq quddiem il-Qorti akkuzat talli fil-11 ta’ Awissu 2003 u fil-gimghat ta’ qabel kien ikkommetta reati in konnessjoni ma’ traffikar tad-droga.

Permezz ta’ sentenza tal-Qorti Kriminali ta’ l-4 ta’ Ottubru 2004, l-esponent Gregory Robert Eyre gie kkundannat il-

piena karcerarja ta’ hmistax-il sena kif ukoll multa ta’ Lm25,000.

Ir-rikorrent kien appella ghal din is-sentenza moghtija.

Il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali, b’sentenza taghha tal-25 ta’ Awissu 2005:

1. Irrevokat ir-Removal Order maghmula mill-Ewwel Qorti.

2. Irrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ordnat li l-esponent ihallas l-ispejjez, u ordnatlu fl-appell li huwa jhallas nofs l-ispejjez.

3. Ikkonfermat il-bqija tas-sentenza hlief li l-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali ordnat li mill-piena karcerarja jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv.

Ghandu jinghad li dan il-kaz partikolari kien prattikament ibbazat fuq iz-zewg statements ta’ l-esponent, u cioe’ wiehed li sar fil-11 ta’ Awissu 2003 u l-iehor sar l-ghada fit-12 ta’ Awissu 2003.

Naturalment, zmien ta’ meta huwa rrilaxxa l-istqarrija, huwa ma nghatax id-dritt li jikkomunika ma’ l-avukat tal-fiducja tieghu u ghalhekk, huwa inkrimina ruhu ingustament u kellu l-process tieghu kompromess sa mill-bidu.

Fid-dawl ta’ dan kollu, sab ruhu kostrett li jammetti l-hames akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta’ l-Akkuza.

Ghalhekk, l-esponent, u dan anke in linea mad-dettami ta’ numru ta’ sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali da ricenti, huwa ma kellux u ma seta’ qatt ikollu smiegh xieraq kif garantit bl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll bl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Konsegwentement, ir-rikorrent jikkontendi li huwa l-kaz li din il-Qorti tiddikjara li l-process gudizzjarju li gie sottomess ghalih l-esponent u s-sentenza konsegwenzjali

jigu ddikjarati nulli b'tali mod li d-drittijiet ta' l-esponent jigu restitwiti *in integrum* u dan anke in linea ma' sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom *Salduz v. Turkey*.

Talab ir-rikorrenti jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Li peress li l-process gudizzjarju ta' l-esponent kien kompromess sa mill-bidu peress li ma kienx inghata l-jedd li jikkomunika ma' avukat gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali kostituzzjonali tieghu kif sanciti fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Tordna r-*restitutio in integrum* u dan billi tannulla l-process kriminali koncernanti u s-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-esponent fl-20 ta' Mejju 2009.

Takkorda kumpens xieraq lill-esponent minhabba fil-pregudizzju minnu sofferti ghar-ragunijiet fuq premessi.

Taghti dawk il-provvedimenti xierqa sabiex jigu sanciti d-drittijiet ta' l-esponent.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali, li in forza taghha eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok, u **in linea preliminari**, in vista tan-natura ta' l-allegazzjonijiet sollevati mir-rikorrent fir-rikors promotur, ghandhom jigu allegati l-atti kollha rilevanti fil-proceduri kriminali li saru fil-konfront tar-rikorrent odjern;

Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Minkejja numru ta' sentenzi moghtija kemm mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta kif ukoll dik Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar mertu simili, jirrizulta b'mod car u inekwivoku li ebda Qorti, f'ebda ħin ma stabbiliet bħala prinċipju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt

interrogazzjoni awtomatikament iġġib maghha lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Effettivament, il-Qrati, fil-kazijiet fosthom ta' *Salduz, Lombardi, Pullicino,* u *Privitera,* li r-rikorrent odjern qed jalludi ghalihom, ghamlu analizi individwali tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz li kellhom quddiemhom, b'dan li kien biss wara eżami akkurat ta' l-assjem tac-cirkostanzi kollha, illi l-istess Qrati waslu ghall-konkluzjoni li f'dawk il-kazijiet partikolari, in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kien leziv tad-drittijiet umani ta' l-akkuzati in kwistjoni.

Tenut kont tal-principji suesposti, il-kaz odjern huwa ferm differenti minn dawk appena citati u ghalhekk ma ghandu jirrizulta ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent Eyre.

Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-proceduri lamentati mir-rikorrent huma ormai *res judicata*, id-dritt ghal smiegh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern.

Effettivament, ir-rikorrent odjern b'ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrijiet li ta lill-Pulizija. Wara li nqabad fil-fatt fl-ajruport internazzjonali ta' Malta b'ammont sostanzjali ta' droga fil-pussess tieghu flimkien ma' persuna ohra, u gie arrestat u ttiehed id-Depot, inghata t-twissija skont il-ligi u cioe' li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi fl-istess stqarrija, l-istess rikorrent irrikonoxxa li kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha.

Inoltre, fis-seduta ta' l-4 t'Ottubru 2004, fil-Qorti Kriminali, ir-rikorrent odjern ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fl-att ta' akkuza numru 3/2004, u minkejja li huwa gie mwissi mill-Qorti dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u nghata l-opportunita' li jirtiraha huwa baqa' jippersisti

b’tali ammissjoni ta’ htija. Dan kollu sar fil-prezenza u bl-assistenza ta’ l-avukat tal-fiducja tieghu.

Inoltre, dejjem meta r-rikorrent kien qieghed jigi rapprezentat mill-avukat tal-fiducja tieghu, sahansitra pprezenta b’nota konguntiva ma’ l-Avukat Generali pattegjament dwar il-piena fl-4 t’Ottubru 2004;

Inoltre, wara li nghata s-sentenza mill-Ewwel Qorti, ir-rikorrent, permezz ta’ l-avukat tieghu, ressaq appell li bih talab ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li l-istess kellha tigi konfermata fis-sejbien ta’ htija tieghu ta’ l-akkuzi kif dedotti kontrih, tithassar biss f’partijiet ohra. Dan juri l-fehma tar-rikorrent li jibqa’ jirrikonoxxi r-responsabilita’ tieghu ghal dak li gara.

Ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent fl-ebda waqt tal-proceduri kriminali in kontestazzjoni ma attakka l-validita’ jew il-volontarjeta’ ta’ l-istqarrijiet li rrilaxxja u lanqas ma oppona ghall-prezentata ta’ l-istess, izda huwa proprju issa u cioe’ tmien snin wara r-rilaxx ta’ l-istess stqarrijiet li qed issir l-allegazzjoni ta’ xi vjolazzjoni ta’ drittijiet tieghu. Il-fatt illi r-rikorrent l-ewwel halla l-proceduri kollha quddiem il-Qrati ordinarji jigu konkluzi imbaghad qaghad jistenna u wara tant snin 'hareg mill-komma' lanjanzi li huma ta’ natura kostituzzjonali jgib bhala konsegwenza illi t-tqanqil ta' dawk il-lanjanzi jkunu 'frivoli u vessatorji'. Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora mhux biss l-infondat u l-fieragh, izda ukoll it-tqanqil ta' argumenti b'mod intempestiv u b'mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntghazlu biex jergghu jifthu materja li ormai hija *res judicata*.

Inoltre, in linea ma’ l-osservazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nostrali fil-kawza *Il-Pulizija vs Mark Lombardi*, kif konfermata fis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) *Simon Xuereb vs Avukat Generali*, il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea m’ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma *res judicata*. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta’ Cadder…”The retrospective effect of a

judicial decision is excluded from cases that have been finally determined.”

Ukoll u bla pregudizzju, il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, senjatament il-kaz ta’ *Salduz v Turkey*, lanqas m’ghandu jkollha effett retroattiv u taffettwa dawk l-istqarrijiet li nghataw qabel id-decizjoni ta’ Salduz, li kienu f’kull kaz skond il-ligi u l-gurisprudenza vigenti f’dak il-perjodu.

Fid-dawl tas-suespot kif ukoll kif ghandu jirrizulta mill-atti tal-process Kriminali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta qatt ma gew lezi fil-proceduri kriminali in kwistjoni.

Fi kwalunkwe kaz, *dato ma non concesso* li din il-Qorti tikkonkludi li fil-kaz odjern hemm ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rimedju tar-*restitutio in integrum* mitlub mir-rikorrent, senjatament li l-process gudizzjarju u s-sentenzi konsegwenzjali moghtija fil-konfront tieghu jigu dikjarati nulli, m’huwiex rimedju gustifikat.

Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi l-process gudizzjarju, fil-konfront tieghu, kien leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Art. 39

tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Mill-atti jirrizulta illi r-rikorrenti rrilaxxa zewg stqarrijiet mill-Pulizija ezekuttiva, wahda fil-11 ta' Awissu 2003, u ohra l-ghada. Ghamel ukoll stqarrija guramentata fit-13 ta' Awissu 2003.

Huwa doveruz fuq din il-Qorti li tibda billi taghmel referenza ghall-principji enuncjati fil-materja recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi "Pulizija vs Lombardi" (12 ta' April 2011) u "Pulizija vs Alvin Privitera" (11 ta' April 2011), fejn fiz-zewg kazijiet, il-Qorti enfasizzat l-ezistenza ta' lezjoni tad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq kif sanciti bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

Premess dan, madanakollu, din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil- fuq citata "Pulizija vs Lombardi":

"*Din il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res judicata. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder (ara para. [60] – [62]; [99] – [103]). "The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined" (**A v. The Governor of Arbour Hill Prison** [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36).*"

Inoltre, fil-kawza "Pulizija vs Alvin Privitera", il-Qorti Kostituzzjonali presjeduta fil-11 ta' April 2011, irriteniet:

"*Illi kif inghad fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** (P.A. TM – 9 ta' Ottubru 2009) u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) vs Esron Pullicino** (P.A. [S.K.] [J.A.] – 24 ta' Frar 2010), il-Qorti sostniet li l-fatt li persuna ma tkunx assistita minn avukat ma jwassalx ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u biex ikun hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Ewropea jrid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet in isolation.*"

Imbaghad, il-Qorti ta' Strassburgu fis-sentenza "Imbroscia vs Switzerland" (4 ta' Novembru 1993), qalet illi:

"*The manner in which Article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.*"

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li s-sejbien ta' htija ma kienx sorrett unikament mill-istqarrijiet ta' l-akkuzat fil-perjodu meta nzamm arrestat minghajr assistenza legali. Jirrizulta illi huwa nqabad fil-fatt fl-ajruport ta' Malta b'ammont sostanzjali ta' droga fil-pussess tieghu.

Jirrizulta ukoll illi minbarra l-istqarrijiet maghmula lill-Pulizija meta kien arrestat (u li, wiehed izid jghid, it-tieni wahda minnhom saret spontanjament), l-akkuzat ghamel stqarrija ohra fil-Qorti tal-Magistrati meta kien assistit mill-avukat tieghu.

Is-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Ottubru 2004 tirreferi testwalment ghall-ammissjoni ta' htija.

"*Having seen that this Court then warned the accused in the most solemn manner of the legal consequences of such statement and allowed him a short time to retract it, according to Section 453 (Chap. 9);*

*Having seen that the accused, being granted such a time, persisted in his statement of admission of guilt.*"

Fl-istess appell minnu mressaq ghas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, huwa <u>talab</u> konferma tas-sejbien ta' htija u llimita l-appell tieghu ghal dispozittivi ohra tas-sentenza tal-Qorti Kriminali.

Ghalhekk, meta jittiehed in konsiderazzjoni il-process gudizzjarju kollu fid-dawl ta’ l-insenjament kemm tal-Qrati lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea, il-Qorti ma tasalx ghal sejba ta’ lezjoni ta’ dritt fundamentali kif qed isostni r-rikorrenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------